**It-Tnejn**

**L-1 ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**

1.
Dawl minn dawl, u dija safja
tal-Missier u l-glorja tiegħu,
int tad-dawl il-għajn u l-bidu,
int il-jum li l-jum iddawwal.
2.
Iddi, Xemx tassew, fuq ruħna
lejl u nhar bil-bjuda tiegħek;
ixħet ġewwa fina r-raġġi
ta' l-Ispirtu, dawl ħajjitna.
3.
Lill-Missier ukoll insejħu,
hu l-Etern fid-dawl tal-glorja;
b'setgħa w qawwa l-grazzja tiegħu
tkeċċi minna d-dlam tal-ħtija.
4.
Hu jwettaqna f'kull ma nagħmlu,
biex quddiemu ngħixu safja,
b'fidi mħeġġa w tama sħiħa,
qawwijin fl-imħabba tiegħu
5.
Ħa jkun Kristu l-ikel tagħna,
tkun il-fidi x-xorb ta' ruħna,
biex matul il-jum insibu
għajn ta' ferħ fl-Ispirtu s-Santu.
6.
Glorja 'l Alla, 'l-Missier tagħna;
tifħir lilek, Kristu Sidna;
jitla' r-radd ta' ħajr minn qalbna
lill-Ispirtu li ġej minnkom. **Amen.**

**SALMODIJA**

Ant. 1 Lilek jien nitlob, Mulej; filgħodu int tisma' leħni.
L-Għid: Bik jithennew dawk li jħobbu lil ismek, hallelujah.

Salm 5,2-10,12-13

Mulej, agħti widen għal kliemi; *
agħti kas tat-tnehid tiegħi.

Isma’ l-għajat tat-talb tiegħi, †
Sultan tiegħi u Alla tiegħi, *
għax lilek jiena nitlob.

Mulej, filgħodu int tisma’ leħni; *
filgħodu nressaq talbi, u nistenna.
Għax int m’intix Alla li tħobb il-ħażen; *
il-ħażin ma jsibx postu għandek.
Ma jifqux il-kburin quddiem għajnejk; †
inti tobgħod kull min jagħmel id-deni; *
int teqred min jitkellem bil-gideb.

Nies qattiela u qarrieqa *
jistmellhom il-Mulej.
Imma jien għat-tjieba kbira tiegħek *
nista’ nidħol ġewwa darek;
ninxteħet quddiem is-santwarju mqaddes tiegħek, *
mimli bil-biża’ tiegħek.

Mexxini, Mulej, fis-sewwa tiegħek
minħabba l-għedewwa tiegħi; *
wittili t-triq tiegħek quddiemi.
Is-sewwa m’huwiex fuq fommhom, *
qalbhom bil-ħażen mimlija;
ħalqhom bħal qabar miftuħ, *
imellsu biss bi lsienhom.

Ħa jifirħu dawk li jafdaw fik, *
u jithennew għal dejjem;
ħarishom u bik jithennew *
dawk li jħobbu ‘l ismek.
Għax int tbierek il-ġust, Mulej; *
int tħaddnu bħal tarka bi tjubitek.

Ant. Lilek jien nitlob, Mulej; filgħodu int tisma’ leħni.
Ant. 2 Infaħħruk, Alla tagħna, u nsebbħu l-isem glorjuż tiegħek.
L-Għid: Tiegħek, Mulej, is-saltna; int kap fuq kulħadd, hallelujah.

**Kantiku (1Kron 29,10-13)**

Imbierek int, Mulej, Alla ta’ Iżrael missierna, *
minn dejjem għal dejjem.

Tiegħek, Mulej, il-kobor u l-qawwa, †
il-ġieħ u s-sebħ u t-tifħir; *
għax kull m’hemm fis-sema u fl-art hu tiegħek.
Tiegħek, Mulej, is-saltna; *
int kap fuq kulħadd.

Minnek l-għana u s-sebħ; *
int taħkem fuq kollox.
F'idejk il-qawwa u s-saħħa; *
f'idejk is-setgħa li tkabbar u 'l kulħadd issaħħaħ.
U issa nfaħħruk, Alla tagħna, *
u nsebbħu l-isem glorjuż tiegħek.

Ant. Infaħħruk, Alla tagħna, u nsebbħu l-isem glorjuż tiegħek.
Ant. 3 Qimu l-Mulej fl-għamara mqaddsa tiegħu.
L-Għid: Isaltan il-Mulej għal dejjem, hallelujah.

## Salm 28 (29)

Agħtu lill-Mulej, ulied Alla, *
agħtu lill-Mulej glorja u qawwa.
Agħtu lill-Mulej il-glorja ta' ismu, *
qimu l-Mulej fl-għamara mqaddsa tiegħu.

Leħen il-Mulej fuq l-ibħra: *
il-Mulej fuq l-ibħra kotrana.
Leħen il-Mulej bil-qawwa, *
leħen il-Mulej bil-glorja.

Leħen il-Mulej ikisser iċ-ċedri; *
ikisser il-Mulej iċ-ċedri tal-Libanu.
Iġiegħel il-Libanu jaqbeż bħal għoġol, *
is-Sirjon bħal ferħ ta' gendus selvaġġ.

Leħen il-Mulej itajjar ilsna tan-nar. †
Leħen il-Mulej jheżheż id-deżert; *
jheżheż il-Mulej id-deżert ta' Kades.
Leħen il-Mulej jobrom il-ballut, *
u jżarma l-foresti.
Alla tal-glorja jriegħed; *
u fit-tempju tiegħu kulħadd jgħid: Glorja! –

Il-Mulej jaħkem fuq l-għargħar; *
isaltan il-Mulej għal dejjem.
Il-Mulej jagħti l-qawwa lill-poplu tiegħu; *
ibierek il-Mulej bis-sliem il-poplu tiegħu!

Ant. Qimu l-Mulej fl-għamara mqaddsa tiegħu.

## LEZZJONI QASIRA 2 Tess 3,10b-13

Jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas għandu jedd jiekol. Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; m'humiex jaħdmu, imma qegħdin jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem il-Mulej Ġesù Kristu, biex jaħdmu sewwa u l-għajxien tagħhom jaqilgħuh. U intom, ħuti, agħmlu l-ġid bla qatt ma tegħjew.

**RESPONSORJU QASIR**
R. Imbierek il-Mulej * Minn dejjem għal dejjem. Imbierek.
V. Hu waħdu jagħmel l-għeġubijiet. * Minn dejjem għal dejjem.
Glorja. Imbierek.

Ant. tal-kaniku ta' Żakkarija Ikun imbierek il-Mulej Alla tagħna.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,

biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Ikun imbierek il-Mulej Alla tagħna.

**PREĊI**

Ngħollu bit-tifħir lil Kristu Sidna, li Alla mlieh bil-grazzja u bl-Ispirtu s-Santu, u b'fiduċja kbira ngħidulu:
*Mulej, agħtina l-Ispirtu tiegħek.*
Agħmel li din il-ġurnata ngħadduha fil-ferħ u s-sliem u bla tebgħa:
- biex wara jum xogħol nersqu nfaħħruk b'qalb hienja u safja.
Ħa tkun fuqna llum il-grazzja tiegħek:

- wettqilna int ix-xogħol ta’ idejna.
Ixħet id-dawl ta’ wiċċek fuqna biex nagħmlu l-ġid fil-paċi:
- żommna taħt il-kenn ta’ l-id qawwija tiegħek.
Agħti ħarsa ħanina lejn dawk li jqawwu qalbhom bit-talb tagħna għalihom:
- imliehom b’kull ġid fir-ruħ u l-ġisem.

**Missierna**

## Talba

Agħtina, Mulej, id-dawl tiegħek qabel ma jibdew il-ħidmiet tagħna, u għinna aħna u nagħmluhom, biex kull ma nagħmlu jkun jibda minnek u fik jintemm. B’Ibnek.

## GĦELUQ

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem. **Amen.**